MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 590/2011

**Robert Azzopardi**

**Vs**

**Daniel Farrugia**

**Rikors guramentat.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Gunju 2011 l-attur talab lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-griehi li sofra lill-attur fi glieda li sehhet fis-7 ta' Mejju 2011 fi Triq iz-Zakak, Mosta.
2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur.
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas id-danni li jigu likwidati.

**Twegiba guramentata** (fol. 8).

1. Il-konvenut m'ghandux ghalfejn iwiegeb ghad-danni ghaliex ma kienx hu li kkaguna ferita gravi f'wicc l-attur.
2. Kien l-attur li pprovoka l-incident u l-konvenut agixxa dejjem fil-binarji tal-ligi, ossia in legittima difesa.

**Kwistjoni**.

Il-kawza titratta dwar glieda li nqalghet fis-7 ta' Mejju 2011 gewwa Triq iz-Zakak, Mosta u li fiha l-attur sofra griehi gravi

**Responsabbilta**.

1. Fil-glieda l-attur tilef il-vista f'ghajnejh il-leminija. L-espert mediku, Dr Denis Mallia, irrelata (fol. 68):

   *"Meta ezaminajt lis-sur Azzopardi jiena sibt illi ma kellu l-ebda percezzjoni ta' dawl mill-ghajn il-leminija. L-iris kienet lura mill-post normali taghha (recessed iris). Fl-ghajn tal-lemin l-iris ma tirrispondix ghad-dawl (Right relative afferent pupil defect). Ma hemmx lenti f'din l-ghajn (Aphakia). Hemm fibrozi fil-kapsula posterjuri (fibrotic posterio capsule).*

   *Meta ezaminajt l-ghajn minn gewwa jiena stajt nara illi parti mir-retina, inkluz il-macula, hija maqlugha minn postha.*

   *Omissis*

   Ghal fini tal-ligi jrid jitqies illi s-sur Azzopardi tilef totalment l-uzu ta' *ghajnu il-leminija.*

   *Mhuwiex mistenni illi l-kundizzjoni tieghu tista' tigi l-quddiem fil-futur".*

2. F'rapport li kien sar mit-tabib Dr Jonathan Joslin fuq inkarigu tal-Magistrat inkwirenti, jinghad li l-attur kien sofra griehi f'ghajnejh il-leminija b'rizultat ta' *traumatic blunt injury*. Hu ghalhekk evidenti li l-attur qala' daqqa ta' oggett.

3. Il-kontendenti taw verzjonijiet differenti minn xulxin ta' dak li gara. Fit-twegiba guramentata l-konvenut qal:

   i. Ma kienx hu li kkaguna ferita gravi f'wicc l-attur;
   ii. F'kull kaz l-incident gie pprovokat mill-attur u hu agixxa biex jiddefendi ruhu.

Fl-affidavit il-konvenut qal:-

*"Jien nichad illi b'xi mod ferejt lil Robert Azzopardi f'ghajnejh"* (fol. 105).

Waqt il-kontro-ezami xehed:

*"Mistoqsi mill-Qorti jekk jien ghandix idea kif f'dan l-incident Robert spicca wegga' u jidher li tilef il-vista f'ghajn minnhom, nghid jien ma nafx. Lil Robert jien ma sawwattux. Lanqas iccaqlaqt minn mal-pilastru"* (fol. 134).

Pero' l-Ispettur Edmond Cuschieri, li nvestiga l-kaz, xehed li l-konvenut kienu qallu li l-attur kien qieghed isegwieh bil-vettura u:

*"Farrugia l-imputat hassu mdejjaq li dak kien qed isegwieh. Waqqaf il-karozza u nizel biex jikkonfronta lil Azzopardi. Dawn hemmhekk bdew jargumentaw bil-kliem imma l-argument skala u spiccaw habtu fizikament ghal xulxin. Skond Farrugia dejjem, f'mument minnhom indahhlu fil-glieda certu Darren Debono, Charmaine Debono, li tigi l-mara ta' Darren, u persuna ohra maghrufa bhala il-Barzakki. U dawn suppost dahlu biex iferrqu fl-argument imma skond dan Farrugia nghaqdu kollha kontrih.* ***F'dan il-punt qalli li biex jiddefendi lilu hu hareg wheel brace mill-karozza u beda jxejjirha fid-direzzjoni tal-persuni l-ohra u hawnhekk laqat lil Charmaine Debono u lil Robert Azzopardi f'wiccu****"* (fol. 91).
Mela hu evidenti li meta l-konvenut xehed b'affidavit u in kontro-ezami, biddel il-verzjoni originali li *a tempo vergine* ta lill-Ispettur Cuschieri. Fin-nota ta' sottomissjonjiet il-konvenut qal:-

*"Illi pero anke minn din ix-xhieda*[1] *jirrizulta li anke a tempo vergine qabel ma l-esponent seta' jiehu parir legali, mill-ewwel qal li huwa kull m'ghamel kien illi ddefenda ruhu".*

Il-konvenut ma kienx onest meta bil-gurament cahad li wegga' lill-attur f'ghajnejh. In kontro-ezami xehed:

*"Darren faqaghli l-hgiega tal-genb tal-karozza bil-hadida. Jien qbizt fuq wara tal-karozza. Jiena qbadt hadida li kienet gol-karozza u qbizt fil-parti ta' quddiem tal-vettura tieghi. Hrigt mill-karozza, ezatt hdejn il-pilastru u regghu daru ghalija u qabdu jtuni. Tefghuni mal-pilastru tal-karozza tieghi.* ***Jiena lanqast iccaqlaqt, kemm nizzilt saqajja mill-vettura, ma sawwat lil hadd****"* (enfazi mizjuda, fol. 133).

Kompla jghid: ***"Jien ma xejjirt l-ebda hadida"*** (fol. 134).

Verzjoni li ma taqbel xejn mal-ewwel verzjoni li l-konvenut stess ta lill-Ispettur Cuschieri.

Il-konvenut liberament ghazel li jibdel il-verzjoni originali dwar punt krucjali. Ma jistax imbaghad jippretendi li l-qorti temmen il-verzjoni tieghu. Hu veru li fil-kontro-ezami qal: *"Ghalija m'ghidtlux il-kliem li qal is-sur Cuschieri"* (fol. 133). Pero dan m'huwiex bizzejjed biex jikkonvinci lill-qorti li l-konvenut qal il-verita'. L-Ispettur Cuschieri, li hu xhud indipendenti, xehed li meta tkellem it-tieni darba mal-konvenut: *"Kien qal li ma jafx jekk laqatax lil Azzopardi f'wiccu jew le* ***imma kien qal li kien xejjer hadida li kellu f'idejh****"* (enfazi mizjuda, fol. 92).

Dan apparti li l-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-konvenut jixhed *viva voce* u tosserva wkoll il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. F'hin minnhom qal:-

*"Jiena gejt attakkat mill-ewwel. Tawni hafna daqqiet. Bdew ihabbtuli rasi mal-bankina. It-tnejn li huma bdew ihabbtuli rasi mal-bankina. Mistoqsi kemm damu ihabbtuli rasi mal-bankina u jkaxkruni, nghid damu kwarta jtuni"* (fol. 133).

Verzjoni li l-qorti ma temminx meta tqies li l-konvenut ipprezenta:-

i. erba' ritratti ta' wiccu (fol. 109-112) b'xi griehi;
ii. avviz datat 7 ta' Mejju 2011 biex imur ghal vista fic-centru tas-Sahha tal-Mosta (fol. 113).

Il-griehi li sofra l-konvenut ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-attakk vjolenti li ddeskriva. Hu evidenti li l-verzjoni tieghu hi 'l boghod mill-verita' u mhi xejn ghajr

[1] Qed jirreferi ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Edmond Cuschieri.

tentattiv fjakk biex jikkonvinci lill-qorti li sab ruhu cirkondat u attakkat vjolentement minn numru ta' persuni. Deskrizzjoni daqstant ikkulurita tal-attakk vjolenti li l-konvenut ighid li sofra tkompli tikkonvinci lill-qorti li ma tistax temmnu.

Il-qorti lanqas ma tista' tifhem kif persuna li ghadha kif giet attakkata b'dak il-mod vjolenti, kif spicca l-glied marret daqslikieku ma gara xejn fil-bar ta' persuna li kienet fost dawk li qal li aggredewh. Il-konvenut xehed: *"Nikkonferma illi kif spicca dan l-incident, jiena mort il-Libru Bar[2] u tlabt lil Carmaine tatini x'nixrob, Coca Cola. Mort ghidtilhom biex jirrangawli l-hsara tal-hgiega li saritli fil-vettura"* (fol. 134). Ir-raguni tghidlek li min verament ikun iddefenda ruhu ma kienx ser jirfes hemm gew bil-periklu li jaqla' xebgha ohra.

Ghal dak li jikkoncerna l-verzjoni li tat Tania Borg, l-gharusa tal-konvenut, hawn ukoll il-qorti hi konvinta li qaghdet lura hafna f'dak li tghid. Din ix-xhud, li kienet xhud okulari ghall-incident, haga tal-iskantament ma ratx lill-konvenut jxejjer hadida f'idu. Fl-affidavit ma semmiet xejn. Imbaghad fil-kontro-ezami qalet:

*"Nikkonferma illi f'hin minnhom jiena rajt hadida, split of a second u rajt mohh l-gharus tieghi. Ma kellix vizwali tajba ghaliex quddiem l-gharus tieghi kien hemm in-nies li kienu Robert, Charmaine, Darren u Wayne. Din il-hadida ghalhekk jien ma nafx minn fejn giet. Kull ma rajt kien split of a second hadida. Ma rajtha tolqot lil hadd… Lil Daniel fl-ebda hin ma rajtu b'hadida f'idu"* (fol. 136).

Pero' fl-affidavit qalet li lil Darren Debono ratu jxejjer hadida tleqq f'idu, *"…. Xejjirha b'idu u din twalet u faqghet il-hgiega ta' wara tan-naha tax-xufier tal-Pajero"* (fol. 114).

Fil-fehma tal-qorti x-xhud liberament ghazlet li tghid li jkun jaqbel ghall-gharus taghha. Xhud li jaddotta dan l-atteggjament ma jistax jitwemmen. Ghall-qorti hu evidenti li x-xhud ma kenitx iffokata biex tghid il-verita' kollha izda li tati verzjoni ntiza biex tiddefendi lill-gharus. L-istess xhud fil-proceduri kriminali xehedet:

*"Hemm hekk osservajt dan it-tielet ragel li kien hareg minn gewwa l-bar li jiena kont nafu biss minn wiccu, refa' lill-persuna li kienet fuq l-gharus tieghi u* ***beda jsabbat ras l-gharus tieghi mal-art****. Dan sakemm indahal l-iehor, jigifieri l-persuna li kienet qed issuq warajna u beda jaghmel l-istess fuq l-gharus tieghi"* (fol. 98).

[2] Mill-provi rrizulta li kien ta' Darren u Charmaine konjugi Debono.

Fil-kawza civili in kontro-ezami xehedet:

*"Il-Barzakka qala' lil Robert minn fuq Daniel. Hsibt illi ser iwaqqafhom. Il-Barzakka beda jhabbat ras Daniel mal-art. Kaxkru lejn il-bankina u beda jhabbatlu rasu mal-art. Robert kien hdejh. Pierre illi beda jhabbat ras l-gharus tieghi mal-bankina. Kien temp ta' minuti li dam ihabbatlu rasu mal-bankina...... Ma nafx kemm-il minuta dam il-Barzakka jsabbat ras l-gharus mal-bankina pero' kienet temp ta' minutes"* (fol. 136).

Verzjoni ohra kulurita. Il-griehi li sofra l-konvenut ma jindikawx li xi hadd beda jsabbatlu rasu mal-art. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li Tania Borg m'hijiex xhud kredibbli.

Xhud okulari kienet Charmaine Debono li in kontro-ezami spjegat kif il-konvenut kellu hadida u beda jxejjirha. Ikkonfermat li l-attur qala' daqqa bil-hadida u *"... beda jghid li mhux qed jara"*. Qalet ukoll li hi stess qalghet daqqa bil-hadida u kellha ferita f'rasha. Mix-xhieda li semghet il-qorti tikkonkludi li l-konvenut ma wzax hadida ghaliex kien f'xi periklu. Ghalkemm il-kontendenti kienu gew fl-idejn, dan wahdu ma jiggustifikax li l-konvenut isawwat lill-attur b'hadida. Irrispettivament minn kif beda l-incident bejn il-kontendenti, il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenut ta prova li kien jinsab f'periklu tali li kellu jirreagixxi b'dak il-mod. Il-qorti hi wkoll konvinta li minflok evita l-glied il-konvenut dahal ghalih. Charmaine Debono stess xehedet: *"Jien lil Robert smajtu jghid lil Daniel iktar minn darba wahda jghidlu suqli l-karozza ha nitlaq minn hawn. Daniel baqa' joffendih....."* (fol. 126). Kienet ghazla li ghamel il-konvenut u li jrid jirrispondi ghaliha civilment.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut ghamel ukoll riferenza ghall-principju *volenti non fit injuria*. Il-konvenut ma tax eccezzjoni f'dan is-sens u ghalhekk din it-tezi ma tistax tigi kkunsidrata.

**<u>Likwidazzjoni</u>**.

1. L-attur jippretendi hlas ta' spejjez li ghamel meta siefer l-Ingilterra ghall-konsulta (fol. 24-28). F'dan ir-rigward hemm:

   (a) Spiza ta' £210 ghar-rapport mediku;
   (b) €170.06 biljett tal-ajru;

(c) £205 kont ghal vista gewwa Moorfields Eye Hospital;

Il-qorti m'hijiex ser tilqa' din it-talba ghaliex ma jirrizultax li nghata xi kura. Fl-incident l-attur tilef id-dawl f'ghajnejh l-leminija u dan gie ccertifikat mit-tobba f'Malta. Fl-Ingilterra ma nghata l-ebda kura. Certament li l-attur kien liberu li jmur ghall-konsulta barra minn Malta. Pero' rrizulta li ma kienx hemm rimedju ghall-griehi li sofra f'ghajnejh (ara rapport mediku ta' Ms Miriam Minihan, fol. 24). Fic-cirkostanzi ma jistax jippretendi li jirkupra l-ispejjez li ghamel tal-vjagg u fl-isptar fl-Ingilterra.

2. L-attur twieled fil-11 ta' Mejju 1985. Ghalhekk meta sehh l-incident kellu 26 sena. Il-multiplier li ser taddotta l-qorti hu ta' **24 sena**.

3. Kien jahdem ghal rasu. Id-dhul tieghu wara li tnaqqas l-ispejjez kien:

   i. Sena 2009 - €9,997;
   ii. Sena 2010 - €8,968;

   Ghalkemm l-attur jippretendi li l-kalkoli jsiru fuq qliegh annwali ta' €41,181.66, m'hemmx prova li kellu dan it-tip ta' qliegh. Mill-formoli tat-taxxa li pprezenta Joseph Formosa, accountant, hu evidenti li d-dhul tal-attur kien ferm inqas minn dik ic-cifra. Fil-kaz ta' persuna li hi self-employed, il-kalkoli ghal finijiet ta' *lucrum cessans* ma ghandhomx isiru fuq it-turnover li jaghmel. Mill-profit & loss accounts, iffirmati mill-attur u mehmuza mal-formoli tat-taxxa, jirrizulta li fix-xoghol tieghu kellu hafna spejjez. Jekk il-qorti kellha taghmel il-kalkoli fuq it-turnover, ifisser li ser ikun qieghed jircievi hlas ghall-qliegh li qatt ma kellu. Bhala self-employed il-qliegh m'huwiex it-turnover li kellu imma l-flus li jibqa' wara li jitnaqqsu l-ispejjez li hu stess iddikjara. Ghaldaqstant, il-kalkoli ser isiru fuq qliegh ta' tlettax-il elf ewro (€13,000) fis-sena[3].

4. Persentagg ta' debilita' skond l-espert mediku hi ta' 24%. Fatt li hadd mill-partijiet ma kkontesta. Dan apparti li l-parir tal-espert jidher vicin ta' dak li stabbilit il-gurisprudenza lokali f'kaz ta' telf ta' ghajn (ezempju ara **Joseph Abela vs Martin Spagnol** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Marzu 1993, **Mark Caruana vs Grazio Camilleri** deciza mill-Prim'Awla fil-5 ta' Ottubru 1993 u **Anthony Portelli vs Charles Galea et** deciza mill-Prim'Awla fl-1 ta' Ottubru 1996).

5. Fil-21 ta' Gunju 2011 l-attur ipprezenta r-rikors guramentat. Peress li ghaddew tlett snin ghandu jitnaqqas persentagg ta' 20% billi danni futuri qeghdin jigu likwidati llum.

---

[3] Il-qorti qeghda zzid l-ammont mehud in konsiderazzjoni l-medda ta' snin li fuqhom qieghed isir il-kalkolu.

6. Ghaldaqstant id-danni huma:-

   €13,000 x 24 x 24% - 20% = **€59,904**.

**Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, tillikwida d-danni fis-somma ta' disgha u hamsin elf disa' mija u erba' ewro (€59,904) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur bl-imghax mil-lum**. **Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------